MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 24/2010

Melita Marine Limited (C 24026)
vs
International Custom Service Yachting Limited (C 41792)

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors tas-socjeta` International Custom Service Yachting Limited li bih esponiet:

1. Illi permezz ta' Rikors Guramentat fl-ismijiet **Melita Marine Ltd vs International Custom Service Yachting Limited (Cit Nru 451/09CFS)**, is-socjeta` attrici Melita Marine Ltd talbet lil din il-Qorti sabiex, bid-dispensa tas-smigh, tikkundanna lis-socjeta` rikorrenti International Custom Service Yachitng Ltd, thallas lilha l-ammont ta' tnejn u erbghin elf, tmien mija disgha u disghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€42,899.82).

2. Illi b’sentenza moghtija nhar id-**9 ta’ Lulju 2009**, dina l-Qorti tat sentenza bid-dispensa tas-smigh illi permezz taghha s-socjeta` attrici giet kanonizzata bhala kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta’ tnejn u erbghin elf, tmien mija disgha u disghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€42,899.82) kif ukoll is-socjeta` konvenuta International Custom Service Yachting Ltd giet ikkundannata thallas l-ispejjez kollha u l-imghaxijiet legali mid-data tal-hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rata permessa mil-Ligi kontra l-istess socjeta` intimata.

3. Illi s-socjeta` rikorrenti qatt ma giet debitament notifikata skond il-Ligi u ghal din ir-raguni hija ma kenitx taf bil-proceduri kontra taghha b’dan illi ma setghetx tidher fil-kawza surreferita u tiddefendi l-posizzjoni taghha. Fil-fatt l-ewwel darba li s-socjeta` rikorrenti saret taf bis-sentenza tad-9 ta’ Lulju 2009, kien permezz ta’ ittra mibghuta mill-Avukat Dr. Katia Mercieca fit-12 ta’ Ottubru 2009 lil Charles Scerri fil-kapacita` tieghu personali kif ukoll bhala rapprezentant ta’ Intershore Fiduciary Services Limited (C 25994) liema socjeta` hija direttur tas-socjeta` International Custom Service Yachting Limited hekk kif jidher minn kopja ta’ dokument mahrug mis-sit ufficjali tal-Malta Financial Services Authority u li gie anness mar-rikors bhala **Dok A**.

4. Illi skond l-Artikolu 187(4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
“F’kaz ta’ korp li jkollu personalita` guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta’ l-iskrittura:

(a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f’idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 181A jew f’idejn impjegat ta’ dak il-korp; jew
(b) f’idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A (2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)”

5. Illi jirrizulta li fil-kaz odjern, il-procedura msemmija fl-Artikolu *de quo* ghan-notifika ta’ atti

gudizzjarji lill-korp moghni b'personalita` guridika, ma gietx rispettata. Dan qed jinghad ghaliex kif jidher car mir-riferti tal-Marixxall Ivan Spiteri Bianchi annessa mar-rikors bhala **Dok B**, is-socjeta` rikorrenti la giet notifikata skond il-provvedimenti ta' l-Artikolu 187(4)(a) u lanqas skond il-provvediment ta' l-Artikolu 187(4)(b), u dana peress illi:

(a) Ma sar l-ebda tentattiv sabiex tithalla kopja ta' l-inkartament relattiv fl-**ufficcju registrat, fl-ufficju principali** jew fil-**post tan-negozju** jew fl-**indirizz postali**, tas-socjeta` rikorrenti ossija 15, Gerry Zammit Street, Msida skond ma jirrizulta mill-*Memorandum & Articles of Association* ta' l-istess socjeta` rikorrenti prezentat mar-rikors u immarkat bhala **Dok C**; u

(b) Ma thallietx kopja ta' l-iskrittura f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-Artikolu **181A (2)** ossija:

(i) Il-persuna li ghandha r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` rikorrenti.
(ii) Is-Segretarju tal-kumpanija; jew
(iii) Persuna ohra awtorizzata bil-miktub biex tircievi att gudizzjarju f'isem is-socjeta` rikorrenti

6. Illi l-ligi tal-procedura hija ta' ordni pubblika u ghaldaqstant ghandha tigi osservata *ad litteram*.

7. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ma gietx notifikata validament skond id-dettami tal-Ligi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

8. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti qeghda a tenur ta' l-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet **Melita Marine Ltd vs International Custom Service Yachting Limited (Cit Nru 451/09CFS)**.

Is-socjeta` intimata talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li in bazi tal-premess jezistu ragunijiet bizzejjed ghal ritrattazzjoni skond il-ligi a tenur ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Lulju 2009 fl-ismijiet **Melita Marine Ltd vs International Custom Service Yachting Limited (Cit. Nru. 451/09CFS)**.

3. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet **Melita Marine Ltd vs International Custom Service Yachting Limited (Cit. Nru. 451/09CFS)** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id-9 ta' Lulju 2009 biex b'hekk is-socjeta` rikorrenti tkun tista' thares id-drittijiet taghha skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata Melita Marine Ltd u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` rikorrenti skond il-Ligi. Is-socjeta` intimata giet ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` International Custom Service Yachting Limited.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` Melita Marine Limted li biha esponiet:

Illi preliminarjament, ma jistghux isiru proceduri *in rescindente* u *in rescissorio* ta' sentenza allegatament mahruga minn dina l-Qorti fid-disgha (9) ta' Lulju elfejn u disgha (2009) b'referenza "Cit Nru 451/09CFS" (sottolinejar mizjud), stante li sentenza b'dik ir-referenza ma hemmx. Di piu`, in vista tal-artikolu mija hamsa u sebghin (175) subartikolu wiehed (1) tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta, huwa projbit kwalunkwe tibdil fl-att promotur ta' kawza li jkollu l-effett li jbiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu.

Illi preliminarjament ukoll, inoltri u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, din il-procedura attrici ghandha tigi michuda bhala *fuori termine* bl-ispejjez tal-istess sopportabbli interamnet mis-socjeta` attrici, stante dekors tat-terminu perentorju ta' tlett xhur previst fl-artikolu tmien mija u tmintax (818) subartikolu wiehed (1) paragrafu "b" tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-mertu, inoltri u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontriha, *stante* li ma hemmx ic-cirkustanzi previsti fl-artikolu tmien mija u hdax (811) paragrafu “b” tal-Kapitolu Tnax (12) tal-Ligijiet ta’ Malta: l-individwu li ghas-socjeta` attrici halef ir-rikors guramentat promotur ta’ dina l-kawza, huwa proprju l-istess bniedem li, in rapprezentanza taghha kien gie notifikat b’mod validu u regolari bir-rikors guramentat numru 451/09CFS.

Salv kwalunkwe eccezzjoni ulterjuri permessa mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mis-socjeta` Melita Marine Ltd.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat il-verbal tas-17 ta’ Mejju, 2010 minn fejn jirrizulta li l-konsulenti legali qablu li ghalkemm kultant intuzat il-kelma “cit” waqt li support “rik”, ihossu li ma tbiddlitx is-sustanza u ghalhekk iqisuha valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Provi ohra ma sarux.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Natura tal-ligi tal-procedura:</u>***

Jibda biex jinghad li l-ligi tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili, Kap 12, hija ta’ ordni pubbliku u trid tigi osservata *ad litteram* - Vol XVII p1 p 879:

Il-ligi ta’ procedura hi ta’ ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi “*osservata alla lettera e non per equipollens”.*

Ir-rekwiziti ta’ notifika korretta huma ta’ natura ta’ ordni pubbliku u bhala tali ghandhom jigu osservati *ad unguem*.

(ara Qorti ta’ l-Appell 14.06.2001, **Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat**).

***D2. Artikolu 818 (1) (b) tal-Kap 12:***

Peress li l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata minhabba l-verbal tas-17 ta’ Mejju, 2010, l-eccezzjoni li trid tigi kunsidrata hija t-tieni wahda bazata fuq l-artikolu 818 (1)(b), minhabba li skond l-intimata din saret *fuori termine* tat-terminu perentorju ta’ tliet xhur.

L-artikolu 818 (1)(b) tal-Kap 12 jipprovdi:

“Iz-zmien li fih tista’ ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni huwa ta’ tliet xhur, u jibda jghodd –

(a) fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 811(a) u (k) mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq, jew jinsab id-dokument

(b) fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (b), mill-gurnata li fiha l-attur ikun gie jaf bis-sentenza.”

L-imsemmi artikolu 811 (b) jghid:

“jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza;”

Is-socjeta` International Customs Service Yachting Limited insistiet li hi qatt ma giet notifikata bir-Rikors Nru. 451/09FS u anqas bis-sentenza moghtija minn din il-Qorti tad-9 ta’ Lulju 2009, u li giet a konoxxenza tas-sentenza *de quo* permezz ta’ ittra datata 12 ta’ Ottubru 2009 mibghuta mill-Avukat Dr. Katia Mercieca bhala rapprezentanti ta’ l-interess beneficjarju ta’ International Custom Service Yachting Limited. Kif gie deciz fid-9 ta’ Gunju, 1959 mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Inguanez *et* vs Giovanni Testa *et***:

“kwantu ghall-prova ta’ din ix-xjenza, il-piz taghha jinkombi, mhux fuq min jipproponi l-azzjoni tar-ritrattazzjoni, imma fuq il-konvenut, b’mod illi huwa dmir ta’ dan li jipprova li l-attur ippropona l-azzjoni aktar minn tliet xhur wara li kien jaf bis-sentenza attakkata... F’kaz ta’ dubju dwar din il-prova, il-beneficcju tad-dubju ghandu jmur favur l-attur, ghax il-prova da parti tal-konvenut ma tkunx saret konkludentement”.

(Ara wkoll sentenza tal-Prim'Awla tas-17 ta' Gunju, 2010 fl-ismijiet **Angelo Zarb vs Dr. Mario DeMarco *nomine***.)

Ghalhekk, taht dan l-aspett, it-tieni eccezzjoni ta' Melita Marine Limited ghandha tigi michuda minhabba li r-rikors gie intavolat entru t-terminu stipulat mil-ligi.

***<u>D3. Mertu propju tar-rikors 24/10FS:</u>***

Is-socjeta` International Custom Service Yachting Limited sostniet in-nuqqas ta' notifika valida tar-rikors guramentat 451/09CFS u tikkwota mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet **Said International Limited vs MAC Limited *et*** fejn inghad li:
"Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-dispozizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Procedura (Kap. 12) u li l-validita` taghha tista' biss tregi jekk jigi provat konkluzivament illi n-notifika saret skond kif fl-istess dispozizzjonijiet mahsub."

Fuq il-bazi ta' l-artikolu 4(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta:
"Socjeta` kummercjali ghandha personalita` guridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri taghha...".

Dwar notifiki, l-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 jibda billi jghid:
"187. (1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata ... "

L-artikolu 187 (4) tal-Kap 12 jitkellem dwar korpi, personalita` guridika distinta u jghid:
"(4) Fil-kaz ta' korp li jkollu personalità guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta' l-iskrittura:

(a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew

(b) f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)."

Fis-subartikolu 2 ta’ l-artikolu 181A jissemmew il-persuni li jkollhom rapprezentanza guridika ta’ korp, segretarju ta’ kumpanija, persuna ohra awtorizzata bil-miktub biex tirrapprezenta atti gudizzjarji.

Dan kollu jwassal li notifika ssir bil-kunsinna ta’ kopja ta’ l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata. Notifika ghandha ssir lil dik il-persuna u mhux persuna ohra ghall-validita` taghha. Korp li ghandu personalita` guridika distinta jigi notifikat fl-ufficcju registrat, ufficcju principali, post tan-negozju jew indirizz postali f’idejn il-persuni li jkollhom rapprezentanza guridika ta’ korp, segretarju ta’ kumpanija, persuna ohra awtorizzata bil-miktub biex tirrapprezenta atti gudizzjarji, jew f’idejn impjegat ta’ dak il-korp.

Mir-riferta tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi [a fol 56 u 57 tal-process numru 451/09FS] in-notifika saret lil Charles Scerri f’Ta’ Xbiex u fuq il-*folder* jinghad International Custom Service Yachting Limited, Charles Scerri, The Penthouse, Carolina Court, Triq Guseppe Cali`, Ta’ Xbiex.

Gie rilevat li skond il-*Memorandum and Articles of Understanding* ta’ International Custom Service Yachting Limited, ghandha l-awtorita` li tircievi att gudizzjarju f’isimha, is-socjeta` Intershore Fiduciary Services Limited (C25994), liema socjeta` hija s-*sole director* tas-socjeta` International Custom Service Yachting Limited. Is-socjeta` International Custom Service Yachting Limited sostniet li Charles Scerri mhux direttur, segretarju jew rapprezentant guridiku u anqas hu awtorizzat bil-miktub jircievi atti gudizzjarji f’isem is-socjeta` International Custom Service Yachting Limited, u li ma thalliet ebda kopja ta’ l-inkartament fil-post indikat mil-ligi jew mal-persuna li skond il-ligi, ghandha l-jedd li tircievi att gudizzjarju ghan-nom ta’ International Custom Service Yachting Limited.

Izda l-Qorti ezaminat id-dokumenti esebiti fil-proceduri 451/09FS li mid-Dokument R a fol 25 ta’ dak il-process hemm il-*Memorandum* li minnu jirrizulta li s-*subscribers*

tad-9,000 *ordinary share* hija Intershore Fiduciary Services Limited waqt li l-1,000 *share* iehor huwa ta' RS Custom Services S.R.L. fl-Italja. Taht il-paragrafu 8(e) ta' l-istess *Memorandum* jirrizulta li l-ewwel direttur tal-kumpanija huwa Intershore Fiduciary Services Limited. Id-dokument huwa iffirmat minn Dr. Anthony Galea u Charles Scerri, I.D. 183165. Riferibbilment ghall-*Memorandum* ta' l-Intershore Fiduciary Services Limited jirrizulta li s-*shareholders* huma Charles Scerri, Dr. Martin Fenech u Joe Cordina b'200 sehem kull wiehed u skond l-artikolu 8 ta' dak il-*Memorandum*, id-diretturi tal-kumpanija huma Charles Scerri, Dr. Martin Fenech u Joe Cordina. Is-segretarji tal-kumpanija huma l-istess Charles Scerri, Dr. Martin Fenech u Joe Cordina. L-imsemmi Charles Scerri ghandu I.D. Numru 183165. Id-dokument huwa iffirmat minn Charles Scerri, Dr. Martin Fenech u Joe Cordina.

Minn dan kollu jidher car li s-socjeta` International Custom Service Yachting Limited qed tipprova tiggranfa ma' dispozizzjonijiet legali biex tahrab mill-obbligi legali taghha. Huwa ovvju li d-dirigenti tas-socjeta` International Custom Service Yachting Limited gew infurmati bil-kawza u kellhom kull opportunita` li jikkontestaw il-kawza izda ghal xi raguni m'ghamlux dan u wara qed jippruvaw ifettqu ma' dispozizzjonijiet tal-ligi biex jostakolaw il-prosegwiment tal-proceduri u jsibu stratagemma legali kontra l-gustizzja. Huwa veru li d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 12 jorbtu kompletament, izda certament m'ghandhomx iwasslu biex jinsabu stratagemmi legali kif wiehed jahrab mill-obbligi tieghu. Meta d-dokument ta' notifika thalla f'idejn il-persuna fizika ta' Charles Scerri (li jirrizulta dejjem l-istess Charles Scerri skond in-numru ta' identita`) li effettivament ircieva l-inkartament gudizzjarju, in-notifika kienet wahda valida minhabba x-xjenza tac-citazzjoni mid-dirigenti tal-konvenuta u l-ligi giet sufficjentement segwita. L-importanza ta' Charles Scerri tohrog cara wkoll anke mill-fatt li r-rikors odjern ta' ritrattazzjoni gie konfermat bil-gurament mill-imsemmi Charles Scerri u dan bhala rapprezentant ta' l-Intershore Fiduciary Services Limited.

Fil-fehma tal-Qorti, il-procedura estrema ta' ritrattazzjoni ma tinkwadrax ruhha fil-fattispeci tal-kaz odjern. Irid ikun hemm raguni verament valida kif ukoll **genwina** biex sentenza li ghaddiet in gudikat tigi meqruda u l-process jinfetah mill-gdid.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Dwar it-tieni eccezzjoni, din hija michuda, kif inghad f'"D2" hawn fuq.

Dwar it-tielet eccezzjoni, minhabba dak li nghad f'"D3" hawn fuq, tilqa' l-istess eccezzjoni tas-socjeta` Melita Marine Ltd, u ghalhekk il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti.

Spejjez kontra l-International Custom Service Yachting Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------